MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 450/2008

Simonds Farsons Cisk p.l.c.

Vs

Lawrence Mifsud.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija u sitta u sittin Ewro u erba u sittin centezmu (€866.64) minghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ta' prodotti lilu mibjugha u kkonsenjati. Illi l-konvenut, alavolja gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, anki permezz ta' ittra ufficjali tal-20 ta' Lulju 2007, baqa inadempjenti. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' €172.36 tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u bl-imghax kummercjali sad-data tal-effettiv hlas, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ tmien mija u sitta u sittin Ewro u erba u sittin centezmu (€866.64), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------